

DIRETTIVA TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI 2014/10/UE**tat-18 ta' Ottubru 2013**

li temenda, għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal ċomb fil-liġi, bħala superkunduttur jew kunduttur termali, użat fil-cold heads tar-refriġeraturi krijoġeniċi u/jew fis-sondi kesħin imkessħin b'mod krijoġeniku u/jew fis-sistemi ta' rbit ekwipotenzjali mkessħin b'mod krijoġeniku, f'tagħmir mediku (kategorija 8) u/jew fi strumenti industrijali ta' monitoraġġ u kontroll

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**IL-KUMMISSJONI EWROPEA****Artikolu 2**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu taċ-ċomb fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.
- (2) Is-sostituzzjoni jew l-eliminazzjoni taċ-ċomb fil-liġi bħala superkunduttur jew kunduttur termali, użat fil-cold heads tar-refriġeraturi krijoġeniċi u/jew fis-sondi kesħin imkessħin b'mod krijoġeniku u/jew fis-sistemi ta' rbit ekwipotenzjali mkessħin b'mod krijoġeniku, f'tagħmir mediku (kategorija 8) u/jew fi strumenti industrijali ta' monitoraġġ u kontroll bħalissa mhijiex possibbli. Bħalissa ma hemmx apparat bla ċomb vijabbli fis-suq għal din l-applikazzjoni.
- (3) Jinħtieġ il-ħin għat-testijiet tal-affidabbiltà u għar-reġistrazzjoni tal-prodott għas-soluzzjonijiet alternattivi.
- (4) Id-Direttiva 2011/65/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

ANNEX

Fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE, jiżdied il-punt 29 li ġej:

- “29. Ċomb fil-liġi, bħala superkunduttur jew kunduttur termali, użat fil-cold heads tar-refriġeraturi krijoġeniċi u/jew fis-sondi kesħin imkessħin b'mod krijoġeniku u/jew fis-sistemi ta' rbit ekwipotenzjali mkessħin b'mod krijoġeniku, f'tagħmir mediku (kategorija 8) u/jew fi strumenti industrijali ta' monitoraġġ u kontroll bħalissa mhijiex possibbli. Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2021.”
-